# Il-Kleru Ġiljaniż Matul is-Snin

**Il-Kan. Karm Calleja jkompli s-sensiela li beda s-sena li għaddiet, biex ifakkar membri tal-kleru li taw sehemhom tul iż-żmien fil-Parroċċa tagħna.**

## Kan. Karm Calleja

Se nkompli bis-sensiela ta' tagħrif fuq is-saċerdoti li għamlu xogħol pastorali u soċjali fil-parroċċa ta' San Ġiljan. Matul iż-żmien ingħatajna ħafna informazzjoni fuq il-Kappillani Ġużepp Xerri, Ġiljan Zammit, Karm Bugelli, Amabile Bonanno, Anton Debono, Philip Grech, Guido Calleja u Gwann Galea. Fuq dawn teżisti ħafna informazzjoni u dokumentazzjoni. Oħrajn anqas biss qatt smajna bihom. Appuntu l-iskop ta' din is-sensiela.

Fl-edizzjoni li għaddiet semmejna lis-saċerdoti Dun Mikiel Camilleri, Dun Pawl Galea, Dun Artur Bonello, Dun Viċens Pace, Dun Franġisk Zammit, Patrijiet Agostinjani fosthom il-Ġiljaniż Ġiljan Mifsud u Patri Franġisk u l-Kan. Arċipriet Dun Frank Calleja Gera. Se nkompli fejn ħallejt is-sena l-oħra nagħti ftit informazzjoni fuq saċerdoti li ħadmu f'San Ġiljan.

**Dun Edwin Sammut**

Ħadem xi żmien fil-parroċċa speċjalment fost iż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika sakemm qaddes Dun Ġennaro Camilleri. Kien żmien il-Kappillan Dun Philip Grech meta Dun Edwin ġie jaħdem ġo San Ġiljan. Billi kien organista kapaċi, ħa l-post tal-mibki Dun Artur fil-quddies kantat u servizzi fejn jidħol id-daqq ta' l-orgni.

Dam iqaddes kuljum u jdoqq l-orgni sakemm bdielu l-inkwiet tal-mard. Hawn biegħ id-dar li kellu ġo Tas-Sliema u xtara razzett ġol-Madliena li bidel f'villa bir-raba' fuq wara. Kull meta stajna konna mmorru nżuruh u kien dejjem jilqagħna b'idejh miftuħa, ifehimna x'tibdil strutturali għamel u x'għandu miżrugħ fl-għalqa li kien ħa f'idejh bl-għajnuna ta' bidwi Għargħuri. Kien iqaddes f'kappella fil-viċin u jieħu ħsieb spiritwalment il-bdiewa ta' madwar li ħabbewh għax sabuh ta' għajnuna għalihom. Ma damx ma miet, u lkoll inħasdu u għalew għalih daqs li kieku kien xi ħadd ta' ġewwa.

**Kan. Dun Ġużepp Sammut D.D.**

Dan il-professur għaref kien gwapp fil-Latin u l-Matematika. Dam sentejn Prepostu Arċipriet tal-Bażilika ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. Irriżenja minħabba t-tilwima ta' l-Isqof Mauro Caruana mal-Kapitlu Elenjan li damet sejra sa wara l-Gwerra fl-1950, meta Tribunali f'Ruma qatgħu s-sentenza favur il-Kapitlu u kontra l-Arċisqof Gonzi, suċċessur ta' Mauro Caruana.

Fil-Gwerra (1939-1945) ġie joqgħod San Ġiljan, l-ewwel fi Triq Lapsi, imbagħad wara xi sentejn, fi Pjazza tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Bajja Spinola, fl-ewwel dar ma' l-Għassa tal-Pulizija (li tmiss ma Triq Wied Għomor). Il-Markiz John Scicluna ħaseb fih talli kien jgħallem il-privat liż-żewġ uliedu, John u Patrick. Jien kont midħla tiegħu u tal-familja tiegħu. Kont ukoll nitgħallem il-privat għandu fil-Latin u



Kan. Dun Ġużepp Sammut DD

Matematika. Fl-eżami tal-Matrikola ta' l-Universita' Rjali ta' Malta kont ġejt l-ewwel fiż-żewġ suġġetti bis-saħħa tiegħu.

Barra l-impenji saċerdotali u kapitulari ġo Birkirkara, offra ukoll li jqaddes kuljum fil-Kappella tal-Kunċizzjoni, Spinola li kienet sfat magħluqa. Jien, barra l-impenji fil-knisja parrokkjali bħala seminarist, fid-duttrina tat-tfal u dawk mażżgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika, kont ukoll ngħinu fil-quddies u servizzi oħra tal-kappella.

Sfortunatament fix-xitwa ta' l-1945 dabbar *bronchite* jew *pleurite*. Niftakar kont għaddejt id-dar tiegħu bħas-soltu. Iż-żewġ ħutu nisa sibthom jistennewni mbikkma biex jagħtuni l-aħbar ta' mewtu li saru jafu biha meta fis-6.30 ta' filgħodu sejħulu biex ikunu jafu hux se jkun jiflaħ iqaddes dakinhar. Kienu talbuni nieħu ħsieb il-funeral tiegħu li sar Birkirkara u niġbor l-affarijiet tiegħu minn hemm.

Ħadt ħsieb li nieħu mil-librerija vasta tiegħu dak li seta' kien ta' ħtieġa għalija. Qatt ma bsart li se nsib bosta manuskritti mhux ippubblikati, traduzzjonijiet fit-Taljan u l-Ingliż ta' l-aqwa letteratura klassika Latina fosthom Virġilju, Ċiċerun, Livju, Orazju, Esopu, Ġulju Ċesare, eċċ. Ma' dawn sibt ukoll kotba fil-Matematika u soluzzjonijiet tiegħu ta' problemi ta' l-alġebra, ġeometrija, arigonometrija u fiżika.

Dak li għażilt biex nieħu miegħi sibtu mitqlu deheb fl-istudju tiegħi għas-*Senior Oxford* u *Matriculation Exams*. Kienet tassew telfa traġika għall-istudenti ta' żmienu. Tassew ħasra li dan il-patrimonju fil-matematika, fiżika, grammatika u letteratura ma nafux x'sar minnu.

**Mons. Alberto Pantalleresco**

Safa internat fil-Gwerra. Billi kien ħabib intimu ta' l-Arqisqof Gonzi, sablu malajr dar ġo Triq Spinola u tah il-ġuspatronat tal-Kunċizzjoni bħala rettur. Għalhekk għamel xi żmien iqaddes fil-kappella fejn kont ngħinu ukoll. Fl-1946 l-Arċisqof għamlu rettur tal-*War Damage* fis-Seminarju l-Furjana u wara ftit għamlu Rettur tas-Seminarju.

**Is-Saċerdoti Aħwa:**
**Dun Mikiel u Dun Kalċidon Catania**

Dun Mikiel beda jqaddes fil-Kappella tal-Kunċizzjoni meta jinzerta jiġi fid-dar li kellhom fil-bajja Spinola. Wara ħuh, Kalċidon, ġie għal kollox mill-Amerka u beda jqaddes kuljum, sintendi bil-permess tar-Rettur Pantalleresco. It-tnejn kienu żewġ qassisin eżemplari. Dan nista' ngħidu għaliex sakemm dħalt seminarista intern fis-Seminarju, fis-sajf (fil-vaganzi), kont nagħti daqqa t'id lil dawn ukoll avolja biddilna d-dar minn Triq Wied Għomor għal dik ta' 33, Triq Grenfel (illum Ġorġ Borg Olivier). L-Arċisqof baqa' jirrifjuta li jinkardina lil Dun Kalċidon fid-Djoċesi, avolja dan ġie għal kollox San Ġiljan.

**Dun Mawriz**

Ix-xjuħ ta' qabli kienu jsemmu diversi saċerdoti li taw servizz jew tul is-sena, jew fis-sjuf biss, fosthom Kanonċi Karkariżi u Beltin. Fost is-saċerdoti li ġew qabli u li mietu qabel twelidi kien jissemma partikolarment ċertu Dun Mawriz, saċerdot bla għaxja ta' lejla.

San Ġiljan ta' dari kien raħal fqir ħafna jistejqer biss fis-sjuf, meta l-villeġġjanti kienu jaslu u jimlew id-djar vojta fl-istaġuni l-oħra. Allura l-ġabra fil-knisja kienet tkun inkoraġġjanti. Xi nies twajba kienu jgħinuh b'li setgħu. Billi dan ma kienx biżżejjed, Dun Mauriz kien rabba mogħża biex ibiegħ il-ħalib. Kull laqxa tgħodd fil-karestija. Ġie rrapportat lill-Isqof li ssospendih. Dan hu li smajt jgħidu fuqu. Il-verita' tista tkun altru minn hekk.

**Patrijiet Agostinjani fil-Kunventi ta' Santa Rita u l-Bon Kunsill**

Jixraq li nsemmuhom ukoll għaliex kienu jiġu kemm biex iqaddsu kif ukoll biex iqarru u fil-festi. B'mod speċjali nsemmi lil Patri Franġisk li baqa' jiġi sakemm l-Isqof bagħtilna lil Dun Franġisk Zammit bħala viċi tal-Kappillan Debono u wara fl-1949 lil Dun Anton Sciberras, saċerdot novell.

**Kjeriċi Lajċi**

F'żgħożiti kienet għadha teżisti drawwa minn żmien żemżem, li nies benefatturi kienu jħallu taħt l-amministrazzjoni tal-Kurja, xi proprjeta' mobbli (kapital) jew immobbli b'testment jew kuntratt biex jixtruħ jew id-dixxendenti tagħhom jew oħrajn, bi skop filantropiku bħalma huma l-vokazzjonijiet saċerdotali, dota għall-koppji foqra, festi, lampier ta' Santissimu Sagrament, jew opra karitattiva oħra. Kull min kien jikkwalifika seta' japplika

sabiex jużufruwixxi mill-introjtu tal-benefikat jew patrimonju . Fit-Tletinijiet, l-Isqof Mauro Caruana xandar l-editt tad-devoluzzjoni billi l-introjti ddewbu jew fix-xejn jew saru jiswew tentufa li ma jlaħħqux l-ispejjez ta' l-obbligu.

Sa meta kont għadni tfajjel, niftakar xi kjeriċi li kienu jilbsu s-suttana tal-qassisin, jgħinu fil-knisja u jaqilgħu dik ix-xi ħaġa żgħira. Min kien jiżżewweġ kien jieqaf jilbes ta' qassis, imma setgħa jgħin fis-servizz tal-knisja.

Ġo San Ġiljan niftakar lill-Kjeriku Ġiljan Grech, missier Kelinu s-sagristan tal-knisja l-antika. Ġiljan kien missier eżemplari. Kien jieħu ħsieb il-Fratellanza tas-Sagrament u ġabha ħafna 'l quddiem. Biżżejjed ngħidu li biż-żelu tiegħu, inxtraw xi oqbra fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata b'monument tal-Qalb ta' Ġesu f'nofshom għad-difna tal-membri tal-fratellanza.

Kien jorganizza ukoll il-purċissjoni tat-terza kull tielet ħadd tax-xahar u l-purċissjonijiet ta' *Corpus Domini* u l-Qalb ta' Ġesu' li kienu jsiru b'pompa kbira. Saħansitra kien jistieden jew lill-Arċisqof jew il-komunita' tal-Kappuċċini li kienu jġibu saħansitra lill-istudenti tagħhom. Fil-festi kienu jispiċċaw b'bibita ġod-dar tiegħu.

Il-Ġiljaniżi kienu jikkoperaw bi ħġarhom. It-triqat tal-purċissjoni kienu jbiddluhom fi ġnien ta' l-isbaħ qsari, fjuri u ħxejjex jiksu l-art, u kienu jarmaw faldrappi ħomor f'kull gallerija u statwi fit-twieqi. Id-devozzjoni kienet tassew edifikanti.

Iż-żminijiet jinbidlu u aħna ninbidlu magħhom. J'Alla pero' li kull devozzjoni ġdida tibqa' twassal il-qlub tagħna lejn Alla tal-Qalb ħelwa u umli, li tant saċerdoti ddedikaw ħajjithom lilU matul is-snin u li kellna x-xorti ngawduhom f'San Ġiljan.



*Ġiljan Grech, missier Michael Grech, is-sagristan attwali tal-Knisja ta' Lapsi, hawnhekk jidher flimkien ma' l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl, il-Belt Valletta, Kan. Franco Calleja Gera u is-Sur Eddie Cassar, fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. It-tagħrif li jidher taħt dan ir-ritratt jirreferi għal Ġiljan Grech bħala prokuratur, il-Kan. Calleja Gera, benefattur ta' l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu' fl-imsemmi ċimiterju, filwaqt li is-Sur Cassar, segretarju.*